**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 419/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Camilleri**
**Therese Camilleri**

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Mario Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 758060(M) u Therese Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 31963(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Jannar 2021 u fil-ġimgħat ta' qabel, fi Triq Marcel Attard Vagniolo, Ħal Qormi:

(1) Bnew ċumnija, forn jew forġa ma' ħajt, bejn il-fond tal-kwerelanti u ċioe' 24, Meadow Pearl, Triq Marcel Attard Vagniolo, Ħal Qormi u l-fond tal-kwerelati, u ċioe' 30, Triq Marcel Attard Vagniolo, Ħal Qormi, anke jekk dak il-ħajt kien kollu l-propjeta' tagħhom, jew bejn xi fondi ta' diversi sidien;
(2) Bnew forn, fuklar jew forġa, jew għamlu uzu minnhom, f'post li minħabba li ma kienx hemm ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini u/jew dak id-duħħan seta' mar fit-triq jew f'dar viċina, jew uzaw dak il-forn, fuklar jew forġa, b'mod li kienu qed idejqu jew ta' inkonvenjent għall-ġirien,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 128(a) u (b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-akkuzi miġjuba fil-konfront tagħhom, u kkundanathom kull wieħed, għal ħlas ta' ammenda ta' sebgħa u ħamsin Ewro (€57.00). *In oltre*, wara li rat l-Artikolu 321(1) tal-Kapitolu 10, ordnat lill-imputati sabiex ineħħu ċ-ċumnija mill-ħajt in kwistjoni, u dana fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, u fin-nuqqas, jeħlu ammenda ta' erba' Ewro u sitta u sittin ċentezmu (€4.66) għal kull jum li fih l-inkonvenjent ikompli wara li jagħlaq iz-zmien mogħti.

Rat ir-rikors tal-appellanti, ipprezentat fl-14 ta' Ottubru 2022, fejn talbu lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fit-totalita' tagħha u dana billi tilliberahom minn kull akkuza, ordni u piena.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti, esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li nhar il-11 ta' Jannar 2023, il-parte ċivile kkonfermaw li huma laħqu ftehim mal-appellanti rigward il-mertu ta' dan il-kaz u li n-nuqqasijiet fir-rigward taċ-ċumnija mertu ta' dawn il-proċeduri ġew rimedjati.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, aggravati bis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti, l-appellanti iressqu it-talba tagħhom għal reviżjoni b'mod ewlieni billi jilmentaw illi ma sarx apprezzament xieraq tal-provi u tal-prinċipji ta' dritt in materja fis-sentenza appellata.

Illi, minn ezami akkurat tal-Atti Proċesswali, jirrizulta li din il-vertenza ddur madwar il-bini ta' ċumnija li twaħħlet mill-appellanti mal-ħajt diviżorju li jifred il-

proprjeta' tagħhom minn dik tal-ġara tagħhom il-konjuġi Grima. Fil-fehma tal-parti offiża, din iċ-ċumnija ma twaħħlitx skond il-Liġi u ħolqitilhom inkonvenjent. L-appellanti fl-aggravji minnhom intentati jikkontendu illi din iċ-ċumnija ilha eżistenti, u l-ilment tal-parti offiża inħoloq unikament meta huma iddeċidew jagħmlu xogħolijiet ta' kostruzzjoni estensivi fil-proprjeta' tagħhom tant illi il-binja tagħhom għoliet ferm iktar minn dik tal-appellanti. Jikkontendu illi iċ-ċumnija ma hijiex imwaħħla mal-ħajt diviżorju, iżda maqtugħa minnu u wkoll illi mhuwiex minnu li hemm l-inkonvenjent lamentat, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

Illi ir-reat kontravvenzjonali imfassal fl-artikolu 128 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta imur lil hinn mir-regoli imfassla fil-liġijiet tal-ippjanar u dan għaliex jista' jkun hemm vjolazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għalkemm ikun hemm osservanza tar-regolamenti jew linji gwida maħruġa mill-Awtorita dwar l-Ippjanar. Dan qed jingħad għaliex l-appellanti jikkritikaw ix-xiehda kemm ta' Lorraine Dimech kif ukoll ta' Leanne Mizzi, li xehdu in rappresentanza tal-Awtorita dwar l-Ippjanar, u l-konkluzjonijiet minnhom raġġunti wara speżżjonijiet magħmula minnhom *in situ*. Jikkontendu illi kien hemm aderenza sħia minn naħa tagħhom ma' dak li jipprovdi r-regolament 5.5.2 tad-*Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015* li jgħidu hekk:

> **In the design of chimneys or flues the main objective will be to limit the potential negative impacts that could be caused through the emission of smoke or fumes as well as the visual impact, particularly to neighbouring developments.**
>
> **For this reason, the following provisions will apply for chimneys and flues - chimneys serving fireplaces that may be allowed on the roofs of residential developments and flues utilised in non-residential developments:**
>
> **a) the height of the chimney/flue will be 3 metres above the highest roof of any building within a radius of 25 metres;**
> **b) the chimney/flue shall not be so located or positioned on the roof of a building that it terminates within 4 metres of the windows of any residential property overlooking or adjoining the roof;**
> **c) in new developments, the chimney/flue will be set back from the façade at least in line with the setback of the topmost floor in line with Policy P39; and**

**d) the design, location, dimensions, materials and colour of the chimney/flue will be appropriate to the building and to its broader context in such a manner that it does not detract from either the buildings appearance or the areas visual quality."**

Illi mill-*affidavit* ta' PS1085 Joseph Bayliss, jirriżulta li nhar l-24 ta' Diċembru 2020, wara rapport magħmul mill-parti offiża, Catherine Grima, huwa aċċeda fir-residenza ta' l-istess fejn kien muri ċumnija li kienet tisporġi madwar zewġ metri 'il fuq miċ-ċint tal-*penthouse* tagħha, liema ċumnija kienet ħierġa mir-residenza tal-appellanti. Huwa kien kellem lill-appellant Mario Camilleri li kien qallu li huwa kellu dritt jagħmel ix-xogħol li kien qed jagħmel fir-rigward taċ-ċumnija in kwistjoni.

Jidher ukoll skont ix-xiehda tal-parti offiża Catherine u Alex Grima illi din iċ-ċumnija kienet ta' inkonvenjent għalihom billi "*jkun hemm dħaħen insapportabbli, anke bi twieqi magħluqin*" kif ukoll ġmamar ma kullimkien, li saħansitra ikkawzaw ħsara fuq il-propjeta' tagħhom.

Illi, l-appellanti minn naħa tagħhom jikkontendu illi din ċ-ċumnija ilha hemm madwar ħamsa u għoxrin sena u li kienet mgħollija minnhom fuq parir tal-perit minnhom inkarigat. Mario Camilleri, iżda innega li l-ġmamar huma derivanti minn din iċ-ċuminija iżda minn forn fil-viċinanzi, kif jiċħad ukoll illi ċ-ċumnija hija marbuta bi *bracket* mal-ħajt tal-parti offiża.

Illi, l-Ewwel Qorti zammet aċċess fuq il-post nhar it-13 ta' Mejju 2022, fejn fost affarijiet oħrajn, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet –

**Il-Qorti ġiet murija li mal-ħajt tad-divizjoni ezistenti, tpoġġiet grada tal-ħadid, kif ukoll twaħħlet biċċa ħadida li tisporġi l-barra mill-propjeta ta' Mario Camilleri. Għal ġot-triq, li fuq l-istess ħadida tpoġġiet biċċa drapp tal-kulur beige ...**

**Il-Qorti aċċediet fuq il-bejt tal-konjuġi Camilleri, fejn innutat iċ-ċumnija in kwistjoni, li tidher li apparti li hija marbuta bi bracket fin-nofs tagħha ġol ħajt mibni ġdid minn Grima, jidher li hija ukoll marbuta bi bracket oħra li hija mwaħħla mal-ħajt oriġinali li kien hemm tal-appoġġ ...**

**Tidher ukoll li ċ-ċumnija hija mizmuma bi tlett ventijiet, li tnejn minnhom huma mwaħħlin ma' propjeta' ta' Marius Camilleri u t-tielet wieħed imwaħħal mal-ħajt divizorju ta' bejn il-partijiet...**

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti, li dwarha nstabet ħtija, hija dik misjuba fl-Artikolu 128(a) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, li taqra:

> **Ħadd ma jista' –**
>
> **(a) jibni ċumnija, forn, jew forġa, ma' ħajt, ukoll jekk dak il-ħajt ikun kollu ta' proprjetà tiegħu, bejn fondi ta' sidien diversi**

Illi, l-appellanti jikkontendu li ġialadarba iċ-ċumnija in kwistjoni qegħdha mqabbda mal-ħajt tal-parti offiża permezz ta' *bracket* u mhux direttament mal-ħajt, ma jista' qatt jingħad li tali ċumnija tmiss mal-ħajt diviżorju u konsegwentment ebda sħana ma tista' tgħaddi għal ġol-ħajt divizorju, li fl-aħħar mill-aħħar kien il-għan tal-leġislatur wara il-promulgazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi.

Illi d-diċitura tal-artikolu appena ċċitat ma jħalli lok għal ebda interpretazzjoni. Ċumnija jew forn jew forġa li t/jinbena ma' ħajt bejn fondi ta' sidien diversi tikser id-disposizzjonijiet tal-Liġi. L-appellanti jilmentaw li kull ma kien hemm imwaħħal mal-propjeta' tal-ġara kien biss *bracket* u mhux iċ-ċumnija *per se,* u dan jidher li huwa minnu. Madanakollu, dan il-*bracket* jifforma parti ntegrali miċ-ċumnija u mingħajrha, l-istess ċumnija ma kinitx tkun soda u kienet tkun fil-periklu li tikkollassa. Għalhekk, meta l-appellanti qabdu iċ-ċumnija tagħhom mal-ħajt tar-residenza tal-parte ċivile, tramite' l-*bracket*, huma kienu qed jiksru d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 128(a) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif filfatt irriteniet ben tajjeb l-Ewwel Qorti. Illi mir-ritratti eżebiti in atti fil-fatti huwa evidenti illi din iċ-ċumnija tmiss mal-ħajt diviżorju u tisporġi minn naħa ta' fuq tagħha direttament għal ġot-terrazzin tal-parti offiża. Dan iwassal sabiex l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni mputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti, li dwarha nstabet ħtija ukoll, hija dik ravvisata fl-Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi illi:

**Ħadd ma jista' –**

**(b) jibni forn, fuglar, jew forġa, jew jagħmel użu minnhom, f'ebda post li minnu, minħabba li ma jkunx hemm ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini, dak id-duħħan jista' jmur fit-triq jew f'dar viċina, jew li juża dan il-forn, fuglar jew forġa b'mod li jkunu jdejqu jew ta' inkonvenjent lill-ġirien**

Illi, l-appellanti jilmentaw li:

i) kellha tinġieb prova li l-inkonvenjent qed jiġi kkawżat mill-mod ta' kif qed tintuża ċ-ċumnija; kif ukoll

ii) kellha tinġieb prova li l-fuglar ma kienx qed jintuza b'mod ordinarju, imma b'mod straordinarju li joħloq inkonvenjent; kif ukoll

iii) kellha tinġib prova b'ritratti ta' tali inkonvenjent.

Illi l-Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti zewġ xenarji fejn iseħħ il-vjolazzjoni tal-liġi u dan meta fl-ewwel xenarju jkun hemm forn, forġa jew fuglar li ma jkollux ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini u għalhekk l-istess duħħan jispiċċa jmur fit-triq jew f'dar viċina, jew inkella fit-tieni xenarju jekk il-forn, fuglar jew forġa jiġi uzat b'mod li jkun idejjaq jew ikun ta' inkonvenjent lill-ġirien. Mill-provi prodotti f'dan il-kaz, jirriżulta li ċ-ċumnija tal-appellanti kienet tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt u għalhekk l-ewwel xenarju ravvisat fl-Artikolu 128(b) appena ċċitat huwa eskluż. Illi l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-kwistjoni tal-inkonvenjent kif ravviżat fit-tieni xenarju billi l-parti offiża stess tixhed dwar dan l-inkonvenjent konsistenti fi ġmamar u dħaħen li jippenetraw fir-residenza tagħhom saħansitra anke meta jkun hemm it-twieqi magħluqin. L-appellanti jisħqu li ma tressqu l-ebda provi dokumentarji fir-rigward, madanakollu mill-atti proċesswali u senjatament mir-ritratti ezebiti a *folios* 23 sa 25, jidher id-duħħan li kien joħroġ miċ-ċumnija li jmiss eżatt mat-terrazzin, kif ukoll l-ammont ta' ġmamar u mugrufun kaġun ta' dan id-duħħan. Għaldaqstant, dina l-Qorti taqbel mad-deċizjoni tal-Ewwel Qorti li sabet ħtija għal din it-tieni imputazzjoni wkoll u għalhekk anke t-tieni aggravju ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolati l-ewwel zewġ aggravji, il-*gravam* rimanenti jirrigwarda l-ordni tal-Ewwel Qorti sabiex titneħħa ċ-ċumnija mertu ta' dawn il-proċeduri liema Ordni inħarrġet bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 321(1) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa stante illi skont kif jirriżulta mil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2023, jidher illi intlaħaq ftehim bejn il-parti offiża u l-appellanti fejn saru xi modifiki fiċ-ċuminja b'tali mod illi l-istess mhijiex iktar ta' inkonvenjent għal ġara, llum tonqos il-ħtieġa illi din l-Ordni tibqa' fuq saqajha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa'** ***in parte*** **l-appell imressaq mill-appellanti, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi :**

i. **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom; u**
ii. **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundanat lill-appellanti għal ħlas ta' ammenda ta' sebgħa u ħamsin Ewro (€57.00) kull wieħed; u**
iii. **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat lill-appellanti sabiex ineħħu ċ-ċumnija mill-ħajt in kwistjoni, u dana fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**